MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 990/2009

**Massimo Ellul et**
**Vs**
**Pierre Ancilleri.**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz ipprezentat fl-24 ta’ Novembru, 2009 fejn l-atturi talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ sebgha mitt ewro (€700) flimkien mal-imghax u spejjez u dan in konnessjoni ma xoghol fil-faccata tal-fond proprjeta tal-atturi liema xoghol kien jikkonsisti fi brix, tikhil u applikazzjoni tà sealer protettiv. Illi dan ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti mehtiega mill-ligi u l-atturi kellhom jaghmlu spejjes sabiex jirrangaw il-hsara li ghamel il-konvenut kawza tax-xoghol hazin tieghu.

Illi b’risposta pprezentata fil-15 ta’ Dicembru, 2009 il-konvenut eccepixxa illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi u dan ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi x-xoghol sar kollu u dejjem skond is-sengha u l-arti u skond l-istruzzjoni tal-atturi.

Illi l-atturi gew imwissija kemm il darba dwar il-fatt illi minkejja li x-xoghol kien sar sewwa, ir-rizultat finali ma setax ikun perfett minhabba l-fatt illi l-gebla tal-faccata kienet mgharrqa wisq  u kien sar xoghol hazin fuqha in precedenza li rrovina lill-istess faccata, izda huma minkejja tali twissijiet cari illi f'kull mument kienu konxji minnhom u minkejja li kien gie spjegat lilhom kif kienet ser tidher il-faccata wara x-xogholijiet, dejjem zammew fermi fl-istess instruzzjonijiet u talbu li x-xoghol jitkompla u jitlesta mill-aktar fis anki ghaliex riedu li l-faccata titkahhal malajr halli ma jidholx ilma, u kien biss wara li x-xoghol tlesta u wara li inqdew li talbu dak li qed jitolbu u dan meta lanqas biss hallsu l-ammont kollu dovut.

Illi l-konvenut filfatt ipprezenta kontrotalba kontra l-atturi ghall-pagament illi ghadhom ma hallsux. Il-konvenut talba sabiex l-atturi jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' tlett mitt ewro (€300) dovuta bhala bilanc ta' prezz ta' servizzi rezi lill-attur u ta' gebel mixtri u debitament ikkonsenjat lill-atturi mill-konvenut, kollox skond l-ordnijiet tal-atturi stess, ghal liema bilanc, minkejja bosta interpellazzjonijiet ma sarx hlas.

L-atturi pprezentaw risposta ghal kontrotalba fis-26 ta' Jannar, 2010 u eccepew illi l-pretenzjonijiet ta' Pierre Ancilleri huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li diga ntqal fit-talba tal-atturi, ix-xoghol sar minghajr is-sena u l-arti rikjesti mill-ligi u liema xoghol lanqas gie finalizzat.

Xehed l-attur Massimo Ellul u qal illi huwa kien ikkommunika mal-konvenut biex jaghmillu xoghol fil-garaxx tieghu. Wara li tlesta x-xoghol u thallas il-kont l-attur induna li l-kont kien inhareg fuq kejl hazin u ghalhekk kien hallas is-somma ta' mitejn ewro (€200) zejda. Kien ghalhekk ftiehem mal-konvenut illi minflok jghatihomlu lura jghamillu xoghol fuq il-faccata tad-dar. Ix-xoghol kellu jkun fuq il-faccata fejn kellhom jinfethu l-fili u jerghu jitkahhlu mill-gdid u kellu jsir invjar fuq il-faccata u tinghata sealer. Mill-ammont kellu jitnaqqas l-ammont ta' mitejn ewro diga mhallas. Ix-xoghol tal-fili beda fix-xitwa pero ftehmu li kellha tigi invjata u ssiljata fis-sajf biex il-gebla tkun nixfet. Meta wasal is-sajf u l-konvenut ma marx ikompli, l-attur cempillu u l-konvenut talbu izjed zmien. Wara ftit kien qallu li kien ser jibghat lil xi hadd iehor biex jaghmilha. L-ewwel kien ser igib lil persuna izda dan ma setax. Wara

kien gab lil certu wiehed jghidulu l-Mascot biex jara l-faccata. L-attur kien jaf x'xoghol jaghmel dan il-Mascot u ghalhekk ha pjacir bih. Izda l-Mascot ma gie jaghmilhielu ghaliex kien talab somma gholja hafna lil konvenut. Finalment il-konvenut informa lil attur li kien gej hu sabiex jaghmilhilu. L-attur kien xtralu s-sealer u beda x-xoghol izda f'hin minnhom il-konvenut cempel lil attur u qallu li t-tbajja ma marrux kollha u fadal l-iswed. Meta l-attur mar fuq il-post ra li l-konvenut kien unvja l-fil izda l-kumplament tal-gebla ma kienx invajat u ghalhekk baqa iswed.

Dan ix-xhud qal ukoll illi l-konvenut kien diga ha mitejn ewro (€200) hallsu wkoll mitejn u hamsin (€250) ohra u kien ha daqs mija u hames ewro (€105) ohra f'injam. Jghid illi l-konvenut qatt ma mar biex jitolbu xi hlas iehor anzi kien hemm zmien fejn il-konvenut qal lill-attur illi kien ser jaghtih mitt ewro (€100) lura liema flus qatt ma waslu ghandu.

L-attur jghid illi fil-bidu meta l-konvenut kien ra l-faccata kien qallu li l-faccata setghet tigi tajba u kien ser jibqa biss ftit iswed taht il-wires mhux fil-faccata kollha.

Xehed Frank Muscat li qal illi huwa kien mar jara l-faccata tal-attur pero ma giex imqabbad mill-attur izda minn bajjad. Il-bajjad pero ma kienx qabbdu jaghmilha peress illi ra li l-ammont mitlub kien gholi. Wara xi xhur kien ikkommunika mieghu l-attur u l-attur kien qallu li s-swidija setghet tmur jekk isir invjar sew bil-makkinarju adekwat.

Xehed il-konvenut in subizzjoni li qal illi kellu jaghmel xoghol fil-faccata billi l-ewwel jiftah il-fili u imbaghad jixkatla l-faccata. Jghid illi lil attur mill-ewwel avzah illi l-iswed ma kienx ser jitlaq u li ma kienitx gejja bajda. Jghid illi l-attur qallu li mhux problema u qallu biex ikompli u jqieghed l-ispirtu. Ix-xhud jghid illi l-attur kien hallsu erba mitt ewro (€400) li mija minnhom kien injam.

Xehed Marlon Duca li jahdem mal-attur bhala bajjad. Kien prezenti fuq ix-xoghol meta sar ix-xoghol fuq il-faccata tal-attur. Jikkonferma li ma kellhomx hin jaghmlu din il-faccata u kienu ser iqabbdu lil xi hadd iehor. Izda fl-ahhar kienu ghamluha huma. Jghid ukoll illi wara li kienu

taw l-ispirtu l-attur qal li x-xoghol ma ghogbux u li ma kienx fi hsiebu jhallas il-kumplament tal-flus.

Xehdet l-attrici Joanne Ellul li qalet flimkien ma zewgha xtaqu jirrangaw il-faccata peress illi kellha linji suwed. Tiftakar illi kien gie l-konvenut flimkien ma wiehed jghidulu l-Mascot izda meta gew biex jinbeda x-xoghol kien gie il-konvenut ma lavrant iehor. Wara li lestew il-konvenut kien qalilha li l-iswed ma setax imur. Hija tghid illi wara kienet cemplet lil Mascot li kien rega mar u qalilhom li l-iswed setgha jitlaq. Tghid ukoll illi ma kinitx prezenti ma zewgha meta ftiehem mal-konvenut dwar prezzijiet.

Xehed ukoll il-perit John Attard li kkonferma bil-gurament tieghu r-rapport li hejja u qal illi kien deherlu li x-xoghol ma kienx sar sew u skond l-arti u s-sengha.

Isemma wkoll gebel mixtri mill-konvenut u kkonsenjat lill-attur li baqa ghand l-attur. L-attur jghid illi wara gie mholli fil-kamra fejn telqu l-konvenut kellu jhallas sabiex jehduhulu.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u l-partijiet kollha jqis iktar veraci l-verzjoni tal-atturi fejn qalu li x-xoghol ma giex kif kellu jigi u kif kien mitiehem li jigi. Dan tenut kont ukoll ta’ dak li qal ix-xhud il-Perit John Attard li x-xoghol ta’ finitura ma sarx kif suppost.

Il-Qorti tal-Appell fil-kawza Stivala Operations Limited vs Fithome Interiors Limited u Proinvest Limited vs Giljan Agius fit-8 ta’ Jannar, 2010 fejn intqal illi ‘Huwa dover tal-appaltatur li jippresta xoghol tajjeb indipendentement x’jikkonsilja jew ma jikkonsiljax is-sid. Intqal kemm il darba li l-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt , huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-esekuzzjoni hazina. Dan hu hekk avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifikazzjonijiet jew instruzzjonijiet, anki espress, mghotija mill-kommittent. L-appaltatur huwa dejjem obbligat u responsabbli li jaghti lil min qabbdu opra sodisfacenti u ma jistax jallega li x-xoghol ma sarx sewwa ghax il-kommittent m’oggezzjonax ghal mod kif kien qed isir ix-xoghol. Filfatt intqal ukoll li l-hlas tal-prezz tal-appalt ma jfissirx necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz.

F'dan il-kaz l-attur qed jitlob l-ammont ta' sebgha mitt ewro (€700) sabiex ikunu jistghu jaghmlu l-faccata mill-gdid. Minn-naha l-ohra l-konvenut qed jitlob kontrotalba ta' tlett mitt ewro (€300) bilanc mill-prezz. It-Tribunal jinnota li l-attur jghid illi hallas mitejn ewro (€200) fl-ewwel kont zbaljat, mitejn u hamsin ewro (€250) ohra wara u mija u hames ewro (€105) f'injam. Dawn jammontaw ghal hames mija u hamsa u hamsin ewro (€555). Ma jistax l-attur jippretendi li l-konvenut ihallasu lil persuna li gej jaghmilu l-faccata warajh izda biss li jirritorna l-flus li thallas meta x-xoghol kien hazin. Dan tenut kont ukoll illi meta xehed il-Mascot qal illi l-ewwel stima kienet madwar hames mitt ewro (€500) u issa talabhom erbgha mija u hamsin ewro (€450) dan ifisser illi l-istima ma gholietx minhabba li kien ser jahdem fuq xoghol hazin li sar qablu.

Ghalhekk dan it-Tribunal iqis illi l-konvenut ghandu jhallas lura l-ammont ta' hames mija u hamsa u hamsin ewro (€555) li kien thallas peress illi x-xoghol li ghamel ma kienx accettabbli.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jilqa' parzjalment it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lil-attur is-somma ta' hames mija u hamsa u hamsin ewro (€555) lill-attur bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament.

Jiddisponi mill-kontrotalba billi jichad l-istess kontrotalba u jilqa l-eccezzjonijiet imressqa mill-attur.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------